C/2026/3714

9.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.12486 — SAICA / THIMM)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3714)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sa Industrias Celulosa Aragonesa ("SAICA", Spanja), ikkontrollata minn Aragocias S.A. (Spanja),

— THIMM Group GmbH + Co. KG ("THIMM", il-Ġermanja), ikkontrollata minn THIMM Holding GmbH + Co. KG (il-Ġermanja).

SAICA se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' THIMM.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— SAICA hija attiva fl-iżvilupp u fil-produzzjoni ta' karta riċiklata għall-kartun korrugat, b'attivitajiet primarji fil-ġestjoni tal-iskart, fil-manifattura ta' karta riċiklata u l-produzzjoni ta' soluzzjonijiet tal-imballaġġ tal-kartun korrugat, prinċipalment madwar l-Ewropa,

— THIMM hija attiva fl-imballaġġ diversifikat b'attivitajiet primarji fil-manifattura ta' soluzzjonijiet tal-imballaġġ u tal-wiri magħmula minn kartun korrugat, fl-istampar ta' dawn il-prodotti permezz ta' diversi teknoloġiji u fil-forniment ta' servizzi relatati u ta' konsulenza, prinċipalment madwar l-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12486 — SAICA / THIMM

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.